MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Numru 797/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**Vs**

Raymond Buttigieg

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Raymond Buttigieg ta' karta ta' identita' numru 443070(M), akkuzat talli:

It-30 ta' Awissu 2003, ghal habta ta' l-18:00 hrs gewwa City Gate Bus Terminus, Floriana:-

1) attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' George Cassar persuna inkarigata skond il-Ligi minn

servizz pubbliku fil-waqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita’ kompetenti, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 96(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2) ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ George Cassar persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzgha jew influwixxa fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz bi ksur ta’ Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta.

3) Ghamel offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ George Cassar skond kif iccertifika Dr Joseph Galea MD Reg No. 2682 mic-centru tas-sahha Florjana, u dan bi ksur ta’ Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4) Hebb ghal George Cassar sabiex jingurja, iddejjaq jew jghamillu hsara u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 339(d) u (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5) Volontarjament kiser l-paci pubblika u l-bon ordni b’ghajjat u glied u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6) Bil-hsieb li ttellef jew jnaqqas l-gieh ta’ George Cassar weggha bi kliem b’gesti jew b’mod iehor u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

7) Imbotta lil imsemmi George Cassar sabiex iweggha jew jinsulenta u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 339(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-verbal taghha tal-lum stess.

Ikkunsidrat:

L-akkuzi jittrattaw l-Artikoli 95(1), 96(e), 221(1), 339(d)(e), 338(dd), 252(1) u 339(1) tal-Kap 9 u jikkoncernaw incident

li nqala bejn id-dispatcher George Cassar u l-imputat fil-venda tal-Belt.

Illi fil-kors tal-kawza u precisament meta ha l-pedana tax-xhieda l-parti allegatament leza l-imputat offra l-apoligija tieghu li gew accettati.

Illi apparti dan minnu dak li kkonstatat din il-Qorti dak li l-imputat stqarr fl-istqarrija tieghu ghandu mill-verita'.

Tiddisponi ghalhekk li fid-dawl tac-cirkostanzi li jolqtu dan il-kaz u wara li kkonsidrat l-Artikoli fuq riferiti u l-Artikolu 383 tac-citat Kap 9 jidrilha li ghandha taddotta l-ahhar imsemmi Artikolu kontra l-imputat u qeghdha kwindi torbtu sabiex ma jimmolestax lill-kwerelant ghall-perjodu ta' sena taht penali ta' Lm100.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------